

II

(Atti mhux legiŝlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1013/2010

tal-10 ta' Novembru 2010

li jippreskrivi regoli ta' implimentazzjoni dwar il-Politika tal-Unjoni dwar il-Flotta kif definita fil-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002

(kodifikazzjoni)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(7), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1), l-Artikolu 12(2), l-Artikolu 13(2) u l-Artikolu 14(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1438/2003 tat-12 ta' Awwissu 2003 li jippreskrivi regoli ta' implimentazzjoni dwar il-Politika tal-Komunità dwar il-Flotta kif definita fil-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ⁽²⁾ ġie emendat kemm-il darba ⁽³⁾ b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) L-aġġustament tal-kapaċità għas-sajd tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni għandu jkun monitorjat sew biex ikun imqabbel mar-riżorsi disponibbli. Għal dak il-għan, il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 jippreskrivi numru ta' miżuri speċifiċi.

(3) Għandhom jiġu stabbiliti regoli li jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 mill-Istati Membri, waqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-parametri rilevanti kollha dwar il-manijġġjar tal-kapaċità tal-flotta, f'termini ta' tunnellaġġ (GT) u potenza (kW), previsti f'dak ir-Regolament kif ukoll fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999 tas-17 ta'

Diċembru 1999 li jippreskrivi r-regoli u l-arranġamenti dettaljati rigward l-għajnuna Komunitarja strutturali fis-settur tas-sajd ⁽⁴⁾. Dan ir-Regolament irid jieħu inkunsiderazzjoni l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja fl-1 ta' Mejju 2004 u tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-1 ta' Jannar 2007.

(4) Livelli ta' referenza għall-kapaċità tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti fl-1 ta' Jannar 2003 għall-flotta ta' kull Stat Membru elenkat fl-Anness I, Parti A, bl-eċċezzjoni tal-flotot tagħhom reġistrati fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod.

(5) L-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 jippermetti lill-Istati Membri jibnu mill-ġdid 4 % tal-medja annwali ta' tunnellaġġ skreppjat b'għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2006 u 4 % tat-tunnellaġġ skreppjat bl-għajnuna pubblika mill-1 ta' Jannar 2007.

(6) L-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 jieħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżit, kif attwalment stipulat fl-Artikolu 25(3)(b) u (c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 fuq il-Fond Ewropew għas-Sajd ⁽⁵⁾, li l-potenza ta' magna li tkun ġiet mibdula b'għajnuna pubblika titnaqqas b'mill-anqas 20 %, għajr fil-każ ta' bdil ta' magni li jintużaw f'sajd kostali fuq skala żgħira kif definit f'dak ir-Regolament.

(7) Hu meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għall-aġġustament tal-livelli ta' referenza biex jitqiesu l-Artikolu 11(4), (5) u (6), u, għal raġunijiet ta' trasparenza, l-Artikolu 13(1)(b)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 u tal-kejl mill-ġdid tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni. Wara li jiġu mkejla l-bastimenti tas-sajd kollha, l-applikazzjoni tar-regola ta' aġġustament għandha tinżamm għall-applikazzjoni stretta tas-sistema tad-dħul u l-ħruġ f'termini ta' tunnellaġġ.

⁽¹⁾ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

⁽²⁾ ĠU L 204, 13.8.2003, p. 21.

⁽³⁾ Ara l-Anness IV.

⁽⁴⁾ ĠU L 337, 30.12.1999, p. 10.

⁽⁵⁾ ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.

- (8) Talbiet mill-Istati Membri elenkati fl-Anness I, Parti A mibgħuta lill-Kummissjoni qabel il-31 ta' Diċembru 2002 biex iżidu l-objettivi tagħhom fir-Raba' Programm ta' Gwida Multiannwali (MAGP IV), kif kien previst fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999, u l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/413/KE⁽¹⁾, għandhom jitqiesu meta approprjat fid-determinazzjoni ta' livelli ta' referenza.
- (9) Hu meħtieġ li jkun stabbilit metodu ta' kalkolu biex issir stima dwar jekk Stati Membri jamministraw l-entrati dwar dħul u ħruġ mill-flotot tas-sajd tagħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002.
- (10) L-eżenzjoni mis-sistema tad-dħul u l-ħruġ għal bastimenti li nqas mal-flotta mill-1 ta' Jannar 2003 jew, għall-Istati Membri elenkati fl-Anness I, Parti B, mid-data ta' adeżjoni, għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni deċiżjoni amministrattiva adottata rispettivament qabel l-1 ta' Jannar 2003 jew qabel id-data ta' adeżjoni. Biex tiġi kkalkolata l-kapaċità kollha tal-flotta tas-sajd fl-1 ta' Jannar 2003 għandu jingħata trattament speċjali lid-dħul fil-flotta ta' bastimenti li għalihom ittieħdu tali deċiżjonijiet amministrattivi, basta li daww il-bastimenti daħlu fil-flotta mhux aktar tard minn ħames snin wara d-data tad-deċiżjoni amministrattiva tal-Istat Membru konċernat.
- (11) Regoli ta' implimentazzjoni huma meħtieġa għal deċiżjonijiet mill-Istati Membri dwar l-eleġibilità ta' xogħlijiet ta' modernizzazzjoni biex itejbu s-sigurtà, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, il-kwalità tal-prodott u l-igijene fuq il-bastimenti kif imsemmi fl-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, biex tkun żgurata stima trasparenti u trattament ugwali għat-talbiet, waqt li jiġi evitat kull sforz akbar fis-sajd b'riżultat ta' xogħlijiet bħal dawn.
- (12) Żidiet fil-volum magħluq fuq il-gverta prinċipali ma jaffettwawx it-tunnellaġġ ta' bastimenti taħt il-15-il metru fit-tul kollu, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86 tat-22 ta' Settembru 1986 li jiddefinixxi l-karatteristiċi tad-dgħajjes tas-sajd⁽²⁾. Għalhekk, il-modernizzazzjoni ta' dawn il-bastimenti 'l fuq mill-gverta prinċipali ma tiġix meqjusa fl-adattament tal-livelli ta' referenza skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.
- (13) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jippermettu żieda limitata fit-tunnellaġġ għal bastimenti ġodda jew diġà eżistenti sabiex itejbu s-sikurezza, l-igijene, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-kwalità tal-prodott abbord, sakemm dan ma jżidx il-kapaċità li l-bastimenti jaqdbu l-ħut u sakemm jagħti l-prijorità lis-sajd kostali fuq skala żgħira fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006. Dik iż-żieda għandha tkun marbuta mal-isforzi tagħhom li jaġġustaw il-kapaċità tas-sajd bl-għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2003 jew l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2006 u mill-1 ta' Jannar 2007 'l quddiem.
- (14) Hu meħtieġ li jiġu preskritti regoli ta' implimentazzjoni biex ikun żgurat li regoli u proċeduri ċari jkunu stabbiliti għall-mod kif data jiġu trasmessi mill-Istati Membri għal ġor-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni u jkunu meħtieġa regoli ġodda ta' validazzjoni biex jiggarantixxu l-kwalità u l-kredibilità ta' dawn id-data.
- (15) Ir-rapporti annwali u s-sommarju tagħhom magħmula mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 għandhom jagħtu stampa ċara tal-ekwilibriju bejn il-kapaċità tal-flotta tas-sajd u l-opportunitajiet għas-sajd.
- (16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jippreskrivi r-regoli ta' implimentazzjoni għall-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002. Għandu japplika għall-kapaċità għas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ħliet daww il-bastimenti li huma:

- (a) użati esklużivament għall-akwakultura kif imfisser fl-Artikolu 3(d) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, jew
- (b) reġistrati fl-iktar reġjuni mbiegħda ta' Franza, il-Portugall u Spanja kif indikat fil-punt 1 tal-Artikolu 355 tat-Trattat.

⁽¹⁾ ĠU L 175, 3.7.1997, p. 27.

⁽²⁾ ĠU L 274, 25.9.1986, p. 1.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

- (1) "GT_{a1}" jew "it-tunnellaġġ totali ta' bastimenti li ħarġu mill-flotta b'għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2006" tfisser it-tunnellaġġ totali ta' bastimenti li ħarġu mill-flotta b'għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2006. Fil-formola dwar il-livell ta' referenza fit-tunnellaġġ fl-Artikolu 4, dan il-valur jitqies biss għall-ammont ta' kapaċità li kien eċċeda t-tnaqis ta' tunnellaġġ meħtieġ għall-konformità mal-livelli ta' referenza fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

Għall-Istati Membri elenkati fl-Anness I, Parti B, "GT_{a1}" jew "it-tunnellaġġ totali ta' bastimenti li ħarġu mill-flotta b'għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2006" tfisser it-tunnellaġġ totali ta' bastimenti li ħarġu mill-flotta b'għajnuna pubblika bejn id-data tal-adeżjoni u l-31 ta' Diċembru 2006;

- (2) "GT_s" jew "iż-żidiet fit-tunnellaġġ totali mogħtija skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002" tfisser iż-żidiet fit-tunnellaġġ totali mogħtija skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 u rreġistrati qabel id-data li għaliha ġie kkalkolat il-GT_t;

- (3) "GT_{a2}" jew "it-tunnellaġġ totali ta' bastimenti li joħorġu mill-flotta b'għajnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru 2006" tfisser it-tunnellaġġ totali ta' bastimenti li ħarġu mill-flotta b'għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2007 u d-data li l-GT_t jiġi kkalkulat għaliha. Fil-formola dwar il-livell ta' referenza fit-tunnellaġġ fl-Artikolu 4, dan il-valur jitqies biss għall-ammont ta' kapaċità li kien eċċeda t-tnaqis ta' tunnellaġġ meħtieġ għall-konformità mal-livelli ta' referenza fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;

- (4) "GT₁₀₀" jew "it-tunnellaġġ totali ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li jidħlu fil-flotta b'għajnuna pubblika mogħtija wara l-31 ta' Diċembru 2002" tfisser it-tunnellaġġ totali ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li daħlu fil-flotta bejn l-1 ta' Jannar 2003 u d-data li għaliha ġie kkalkolat il-GT_t, u li dwaru deċiżjoni amministrattiva mill-Istat Membru konċernat biex tingħata l-għajnuna kienet ittieħdet wara l-31 ta' Diċembru 2002.

Għall-Istati Membri elenkati fl-Anness I, Parti B "GT₁₀₀" jew "it-tunnellaġġ totali ta' bastimenti ta' aktar minn 100 GT li jidħlu fil-flotta b'għajnuna pubblika mogħtija wara l-31 ta' Diċembru 2002" tfisser it-tunnellaġġ totali ta' bastimenti ta' aktar minn 100 GT li daħlu fil-flotta bejn l-1 ta' Mejju 2004 u d-data li għaliha jiġi kalkolat il-GT_t, u li dwaru kienet ittieħdet deċiżjoni amministrattiva mill-Istati Membri konċernati biex tingħata għajnuna wara t-30 ta' April 2004;

- (5) "kW_a" jew "il-potenza totali ta' bastimenti li ħarġu mill-flotta b'għajnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru 2002" tfisser il-potenza totali ta' bastimenti li ħarġu mill-flotta b'għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2003 u d-data li għaliha jkun ikkalkolat il-kW_t. Fil-formola dwar il-livell ta' referenza f'potenza fl-Artikolu 4 dan il-valur jitqies biss għall-ammont ta' kapaċità li tkun eċċediet it-tnaqis ta' potenza meħtieġa għall-konformità mal-livelli ta' referenza skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

Għall-Istati Membri elenkati fl-Anness I, Parti B "kW_a" jew "il-potenza totali ta' bastimenti li jħallu l-flotta b'għajnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru" tfisser il-potenza totali ta' bastimenti li ħallew il-flotta b'għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Mejju 2004 u d-data li għaliha jkun kalkolat il-kW_t;

- (6) "kW₁₀₀" jew "il-potenza totali ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li jidħlu fil-flotta b'għajnuna pubblika mogħtija wara l-31 ta' Diċembru 2002" tfisser il-potenza totali ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li daħlu fil-flotta bejn l-1 ta' Jannar 2003 u d-data li għaliha ġie kkalkolat il-kW_t, u li għaliha deċiżjoni amministrattiva biex tingħata għajnuna kienet ittieħdet wara l-31 ta' Diċembru 2002.

- Għall-Istati Membri elenkati fl-Anness I, Parti B “kW₁₀₀” jew “il-potenza totali ta’ bastimenti ta’ aktar minn 100 GT li jidħlu fil-flotta b’għajnuna pubblika wara l-31 ta’ Diċembru 2002” tfisser il-potenza totali ta’ bastimenti ta’ aktar minn 100 GT li daħlu fil-flotta bejn l-1 ta’ Mejju 2004 u d-data li għaliha jiġi kalkolat il-kW_t, u li dwaru ttieħdet deċiżjoni amministrattiva mill-Istati Membri biex tingħata l-għajnuna wara t-30 ta’ April 2004;
- (7) “GT_t” tfisser it-tunnellaġġ totali tal-flotta, ikkalkolat f’d-data speċifika wara l-1 ta’ Jannar 2003;
- (8) “Δ(GT-GRT)” jew “ir-riżultat tal-kejl mill-ġdid tal-flotta” tfisser id-differenza bejn il-kapaċità totali f’termini ta’ tunnellaġġ tal-flotta fl-1 ta’ Jannar 2003 u l-istess valur li jkun reġa’ ġie kkalkolat darba li l-kejl mill-ġdid tal-flotta kien kompletat skont ir-Regolament (KEE) Nru 2930/86;
- (9) “kW_t” tfisser il-potenza totali tal-flotta kkalkolata fi kwalunkwe data wara l-1 ta’ Jannar 2003;
- (10) “gverta prinċipali” tfisser il-“gverta ta’ fuq” kif definita fil-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kejl tat-Tunnellaġġ tal-Bastimenti, 1969;
- (11) “kW_r” jew “il-potenza totali tal-magni mibdula b’għanjuna pubblika suġġetta għal tnaqqis fil-potenza” tfisser il-potenza totali tal-magni mibdula b’għajnuna pubblika wara l-31 ta’ Diċembru 2006 skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 25(3)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

KAPITOLU II

LIVELLI TA’ REFERENZA GĦAL FLOTOT TAS-SAJD

Artikolu 3

L-iffissar ta’ livelli ta’ referenza

Għall kull Stat Membru elenkat fl-Anness I, Parti A l-livelli ta’ referenza f’tunnellaġġ (GT) u potenza (kW) fl-1 ta’ Jannar 2003 kif imsemmijin fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, ħlief dawk għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, huma preskritti fl-Anness I, Parti A.

Artikolu 4

Monitoraġġ ta’ livelli ta’ referenza

1. Għal kull Stat Membru elenkat fl-Anness I, Parti A, il-livell ta’ referenza f’tunnellaġġ fi kwalunkwe data wara l-1 ta’ Jannar 2003 (R(GT)_t) għandu jkun ugwali għal-livell ta’ referenza għal dak l-Istat Membru preskritt fl-Anness I, Parti A fl-1 ta’ Jannar 2003 (R(GT)₀₃) aġġustat:

(a) billi jitnaqqsu:

- (i) 99 % tat-tunnellaġġ totali ta’ bastimenti li ħarġu mill-flotta b’għajnuna pubblika bejn l-1 ta’ Jannar 2003 u l-31 ta’ Diċembru 2006 (GT_{a1});
- (ii) 96 % tat-tunnellaġġ totali ta’ bastimenti li joħorġu mill-flotta b’għajnuna pubblika wara l-31 ta’ Diċembru 2006 (GT_{a2});

(b) u billi jiżdiedu ż-żidiet ta’ tunnellaġġ totali mogħtija skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 (GT_S).

Dawn il-livelli ta’ referenza għandhom jiġu determinati skont il-formola li ġejja:

$$R(GT)_t = R(GT)_{03} - 0,99 GT_{a1} - 0,96 GT_{a2} + GT_S$$

Meta kapaċità ġdida għas-sajd tidħol fil-flotta skont il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 13(1)(b)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 il-livelli ta' referenza msemmijin fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jitnaqqsu b'35 % tat-tunnellaġġ totali ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li jidħlu fil-flotta b'għajjnuna pubblika mogħtija wara l-31 ta' Diċembru 2002 (GT_{100}) skont il-formola li ġejja:

$$R(GT)_t = R(GT)_{03} - 0,99 GT_{a1} - 0,96 GT_{a2} - 0,35 GT_{100} + GT_s$$

2. Għal kull Stat Membru elenkat fl-Anness I, Parti A, il-livell ta' referenza ta' potenza fi kwalunkwe data wara l-1 ta' Jannar 2003 ($R(kW)_t$) għandu jkun ugwali għal-livell ta' referenza għal dak l-Istat Membru preskritt fl-Anness I, Parti A fl-1 ta' Jannar 2003 ($R(kW)_{03}$) kif aġġustat bit-tnaqqis tal-potenza totali ta' bastimenti li joħorġu mill-flotta b'għajjnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru 2002 (kW_a) u 20 % tal-potenza totali tal-magni mibdula b'għajjnuna pubblika suġġetta għal tnaqqis fil-potenza (kW_r).

Dawn il-livelli ta' referenza għandhom jiġu determinati skont il-formola li ġejja:

$$R(kW)_t = R(kW)_{03} - kW_a - 0,2 kW_r$$

Meta kapaċità ġdida għas-sajd tidħol fil-flotta skont il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 13(1)(b)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, il-livelli ta' referenza msemmijin fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jitnaqqsu b'35 % tal-potenza totali ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li jidħlu fil-flotta b'għajjnuna pubblika mogħtija wara l-31 ta' Diċembru 2002 (kW_{100}) skont il-formola li ġejja:

$$R(kW)_t = R(kW)_{03} - kW_a - 0,2 kW_r - 0,35 kW_{100}$$

KAPITOLU III

AMMINISTRAZZJONI TA' DĦUL U ĦRUĠ

Artikolu 5

Kapaċità għas-sajd tal-flotta fl-1 ta' Jannar 2003

Għajr għall-Istati Membri elenkati fl-Anness I, Parti B, għall-finijiet tal-Artikolu 7 l-kapaċità għas-sajd f'termini ta' tunnellaġġ (GT_{03}) u potenza (kW_{03}) fl-1 ta' Jannar 2003 għandha tkun determinata waqt li jitqies, skont l-Anness II, id-dħul ta' bastimenti li jkun ibbażat fuq deċiżjoni amministrattiva mill-Istat Membru kkonċernat li tkun ittieħdet bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002 f'konformità mal-leġislażżjoni applikabbli dak iż-żmien, u b'mod partikolari skont is-sistema nazzjonali ta' dħul/ħruġ notifikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni 97/413/KE, u li jseħħ mhux aktar tard minn ħames snin wara d-data ta' dik id-deċiżjoni amministrattiva.

Artikolu 6

Kapaċità għas-sajd tal-flotta tal-Istati Membri elenkati fl-Anness I, Parti B fid-data tal-adeżjoni

Għall-Istati Membri elenkati fl-Anness I, Parti B, għall-finijiet tal-Artikolu 8 il-kapaċità għas-sajd f'termini ta' tunnellaġġ (GT_{acc}) u potenza (kW_{acc}) fid-data tal-adeżjoni għandha tkun determinata waqt li jitqies, skont l-Anness III, id-dħul ta' bastimenti li jkun ibbażat fuq deċiżjoni amministrattiva mill-Istat Membru kkonċernat li tkun ittieħdet sa ħames snin qabel id-data tal-adeżjoni, liema dħul ma jseħħx aktar tard minn ħames snin wara d-data ta' dik id-deċiżjoni amministrattiva.

Artikolu 7

Monitoraġġ ta' dħul u ħruġ

1. Biex jitħares l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 kull Stat Membru elenkat fl-Anness I, Parti A ta' dan ir-Regolament, għandu jiżgura li f'kull ħin il-kapaċità għas-sajd f'tunnellaġġ (GT_t) hi ugwali jew inqas mill-kapaċità għas-sajd fl-1 ta' Jannar 2003 (GT_{03}) kif aġġustata:

(a) billi jitnaqqsu:

- (i) 99 % tat-tunnellaġġ totali ta' bastimenti li ħarġu mill-flotta b'għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2006 (GT_{a1});
- (ii) 96 % tat-tunnellaġġ totali ta' bastimenti li joħorġu mill-flotta b'għajnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru 2006 (GT_{a2});
- (iii) 35 % tat-tunnellaġġ totali ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li jidħlu fil-flotta b'għajnuna pubblika mogħtija wara l-31 ta' Diċembru 2002 (GT_{100});

(b) u billi jiżdiedu:

- (i) iż-żidiet ta' tunnellaġġ totali mogħtija skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 (GT_s);
- (ii) ir-riżultat tal-kejl mill-ġdid tal-flotta ($\Delta(GT-GRT)$).

Dawk l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-formola li ġejja tkun imħarsa:

$$GT_t \leq GT_{03} - 0,99 GT_{a1} - 0,96 GT_{a2} - 0,35 GT_{100} + GT_s + \Delta(GT-GRT)$$

2. Biex jitħares l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, kull Stat Membru elenkat fl-Anness I, Parti A ta' dan ir-Regolament, għandu jiżgura li f'kull ħin il-kapaċità għas-sajd f'termini ta' potenza (kW_t) hi ugwali jew inqas mill-kapaċità għas-sajd fl-1 ta' Jannar 2003 (kW_{03}) kif aġġustata billi jitnaqqsu:

- (a) il-potenza totali ta' bastimenti li joħorġu mill-flotta b'għajnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru 2002 (kW_a);
- (b) 20 % tal-potenza totali tal-magni mibdula b'għajnuna pubblika suġġetta għal tnaqqis fil-potenza (kW_r);
- (c) 35 % tal-potenza totali ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li jidħlu fil-flotta b'għajnuna pubblika mogħtija wara l-31 ta' Diċembru 2002 (kW_{100}).

Dawk l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-formola li ġejja tkun imħarsa:

$$kW_t \leq kW_{03} - kW_a - 0,2 kW_r - 0,35 kW_{100}$$

Artikolu 8

Monitoraġġ tad-dħul u hrugħ fl-Istati Membri elenkati fl-Anness I, Parti B

1. Biex jitħares l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, kull Stat Membru elenkat fl-Anness I, Parti B ta' dan ir-Regolament għandu jiżgura li f'kull ħin il-kapaċità għas-sajd f'termini ta' tunnellaġġ (GT_t) hi ugwali jew inqas mill-kapaċità għas-sajd fid-data tal-ażezjoni, (GT_{acc}) kif aġġustata:

(a) billi jitnaqqsu:

- (i) għall-Istati Membri elenkati fl-Anness I, Parti B li l-ażezjoni tagħhom mal-Unjoni seħħet fl-1 ta' Mejju 2004, 98,5 % tat-tunnellaġġ totali ta' bastimenti li ħarġu mill-flotta b'għajnuna pubblika bejn dik id-data u l-31 ta' Diċembru 2006 (GT_{a1});
- (ii) għal kull Stat Membru elenkat fl-Anness I, Parti B, 96 % tat-tunnellaġġ totali ta' bastimenti li joħorġu mill-flotta b'għajnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru 2006 (GT_{a2});
- (iii) għal kull Stat Membru elenkat fl-Anness I, Parti B, 35 % tat-tunnellaġġ totali ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li jidħlu fil-flotta b'għajnuna pubblika mogħtija fid-data tal-ażezjoni jew wara (GT_{100});

(b) u billi jiżdiedu:

- (i) iż-żidiet ta' tunnellaġġ totali mogħtija skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 (GT_S);
- (ii) ir-riżultat tal-kejl mill-ġdid tal-flotta ($\Delta(GT-GRT)$).

Dawk l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-formola li ġejja tkun imħarsa:

$$GT_t \leq GT_{acc} - 0,985 GT_{a1} - 0,96 GT_{a2} - 0,35 GT_{100} + GT_S + \Delta(GT-GRT)$$

2. Biex jitħares l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, kull Stat Membru elenkat fl-Anness I, Parti B ta' dan ir-Regolament għandu jiżgura li f'kull ħin il-kapaċità għas-sajd f'termini ta' potenza (kW_t) hi ugwali jew inqas mill-kapaċità għas-sajd fid-data tal-ażerzjoni, (kW_{acc}) kif aġġustata billi jitnaqqsu:

- (a) il-potenza totali ta' bastimenti li joħorġu mill-flotta b'għajjnuna pubblika fid-data tal-ażerzjoni jew wara (kW_a);
- (b) 20 % tal-potenza totali tal-magni mibdula b'għajjnuna pubblika suġġetta għal tnaqqis fil-potenza (kW_t);
- (c) 35 % tal-potenza totali ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li jidhru fil-flotta b'għajjnuna pubblika mogħtija fid-data tal-ażerzjoni jew wara (kW_{100}).

Dawk l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-formola li ġejja tkun imħarsa:

$$kW_t \leq kW_{acc} - kW_a - 0,2 kW_r - 0,35 kW_{100}$$

KAPITOLU IV

ŻIEDA FIT-TUNNELLAĠĠ BIEX TIŻDIED IS-SIGURTÀ ABBORD, IL-KONDIZZJONIJET TAX-XOGĦOL, L-IĠJENE U L-KWALITÀ TAL-PRODOTT

Artikolu 9

Eliġibilità ta' talbiet għal żieda fit-tunnellaġġ

Talba għal żieda fit-tunnellaġġ ta' bastiment skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 għandha tiġi kunsidrata eliġibbli bla ħsara għall-konformità mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-bastiment ma jkunx diġà ġie mogħti żieda fit-tunnellaġġ skont dawk id-dispożizzjonijiet;
- (b) il-bastiment għandu tul totali ta' 15 m jew aktar;
- (c) l-età tal-bastiment, ikkalkolata bħala d-differenza bejn id-data li tkun waslet l-applikazzjoni u d-data li jkun daħal fis-servizz kif imfisser fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2930/86, hi għall-inqas ħames snin;
- (d) iż-żieda fit-tunnellaġġ tkun ir-riżultat ta' xogħlijiet ta' modernizzazzjoni li jridu jsiru bl-għan li jittejbu s-sigurtà abbord, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-iġjene jew il-kwalità tal-prodott;
- (e) ix-xogħlijiet imsemmija fil-punt (d) ma jżidux il-volum taħt il-gverta prinċipali;
- (f) ix-xogħlijiet imsemmija fil-punt (d) ma jirriżultawx f'volum miżjud fl-istivi tal-ħut jew fit-tagħmir tas-sajd.

Artikolu 10

Responsabbiltajiet tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu stima tat-talbiet għal żieda fit-tunnellaġġ u jiddeċiedu jekk humiex eliġibbli skont il-kondizzjonijiet previsti fl-Artikolu 9.

2. L-Istati Membri għandhom iżommu inkartament għal kull bastiment li dwaru deċiżjoni dwar żieda fit-tunnellaġġ skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 tkun ittiegħdet. Dak l-inkartament għandu jinkludi l-informazzjoni teknika kollha użata fl-istima tat-talba mill-Istat Membru. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu dawn l-inkartamenti għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni fuq talba tagħha bla telf ta' żmien.

KAPITOLU V

ĠBIR TA' INFORMAZZJONI

Artikolu 11

Ġbir ta' informazzjoni mill-Istat Membru u l-komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-Kummissjoni

1. Kull Stat Membru għandu jiġbor informazzjoni dwar:
 - (a) kull dħul jew ħruġ mill-flotta;
 - (b) kull modernizzazzjoni ta' xi bastiment li taffettwa l-kapaċità għas-sajd.
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw għall-inqas l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:
 - (a) in-numru intern u l-isem tal-bastiment;
 - (b) il-kapaċità għas-sajd tal-bastiment f'GT u kW;
 - (c) il-port ta' reġistrazzjoni tal-bastiment;
 - (d) in-natura u d-dati tal-ġrajjet li ġejjin:
 - (i) il-ħruġ (eż. skreppjar, esportazzjoni, trasferiment lil Stat Membru ieħor, intrapriża konġunta, trasferiment għal xi attività oħra);
 - (ii) id-dħul (eż. kostruzzjoni, importazzjoni, trasferiment minn Stat Membru ieħor, trasferiment minn xi attività oħra), jew
 - (iii) modernizzazzjoni, li tgħid jekk hijiex għal raġunijiet ta' sigurtà skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;
 - (e) jekk il-ġrajja hijiex sostnuta b'għajjnuna pubblika;
 - (f) jekk approprijat, id-data tad-deċiżjoni amministrattiva mill-Istat Membru biex jagħti dik l-għajjnuna;
 - (g) fil-każ ta' modernizzazzjoni, il-modifika tal-potenza (f'kW), il-modifika fit-tunnellaġġ (f'GT) 'il fuq u 'il isfel mill-gverta prinċipali.

KAPITOLU VI

SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI U RAPPORT ANNWALI

Artikolu 12

Skambju ta' informazzjoni

L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni l-informazzjoni relatata mal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni li għandha x'taqsam mal-politika dwar il-flotta u li tinkludi li ġej:

- (a) regoli u istrumenti nazzjonali ta' implimentazzjoni li jiżguraw konformità mal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;
- (b) proċeduri amministrattivi dwar monitoraġġ u sorveljanza tal-flotta u informazzjoni li tinvolvi lill-awtoritajiet;

- (c) informazzjoni dwar żvilupp fil-kapaċità tal-flotta, partikolarment dwar irtirar u tiġdid b'għajnuma pubblika;
- (d) pjanijiet għal tnaqqis tal-flotta biex ikun hemm konformità mal-livelli ta' referenza meta approprijat;
- (e) informazzjoni dwar l-iżvilupp tal-kapaċità tal-flotta fl-iżjed reġjuni imbiegħda fejn għandhom x'jaqsmu trasferimenti ta' bastimenti bejn il-medda l-kbira tal-pajjiż u r-reġjuni l-aktar imbiegħda;
- (f) informazzjoni dwar l-impatt fuq il-kapaċità tal-flotta ta' skemi ta' limitazzjoni ta' sforzi, partikolarment meta jkunu jiffurmaw parti minn pjan ta' rkupru jew pjan ta' tmexxija għal numru ta' snin;
- (g) kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti u siewja għall-iskop ta' skambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiċi bejn l-Istati Membri.

Artikolu 13

Rapport annwali

1. Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni sat-30 ta' April ta' kull sena, f'forma elettronika, rapport dwar l-isforzi tiegħu fis-sena ta' qabel biex jikseb bilanċ sostenibbli bejn il-kapaċità għas-sajd u l-opportunitajiet għas-sajd.

2. Fuq il-bażi tad-data fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni u informazzjoni fir-rapporti riċevuti skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha theggi sommarju u tippreżentah lill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd u lill-Kumitat għas-Sajd u l-Akwakultura stabbilit skont l-Artikolu 30(1) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, qabel il-31 ta' Lulju ta' kull sena.

Dawk iż-żewġ kumitati għandhom jgħaddu l-opinjoni tagħhom lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' kull sena.

3. Sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat is-sommarju flimkien mar-rapporti mehmużin miegħu tal-Istati Membri lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien mal-opinjonijiet tal-kumitati msemmijin fil-paragrafu 2.

Artikolu 14

Informazzjoni li għandu jkun hemm fir-Rapporti Annwali

1. Ir-rapporti mill-Istati Membri kif previst fl-Artikolu 13 għandu jkun fihom mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) deskrizzjoni tal-flotot tas-sajd f'relazzjoni mas-sajd: żvilupp(i) matul is-sena ta' qabel, inkluż sajd kopert minn pjanijiet ta' tmexxija jew irkupru għal numru ta' snin;
- (b) l-impatt fuq il-kapaċità għas-sajd ta' skemi għal tnaqqis ta' sforzi fis-sajd adottati skont pjanijiet ta' tmexxija jew ta' rkupru għal numru ta' snin jew, jekk approprijat, skont skemi nazzjonali;
- (c) informazzjoni dwar il-konformità mal-iskema dwar dħul/ħruġ u mal-livell ta' referenza;
- (d) rapport fil-qosor dwar il-punti ta' dgħufija u saħħa fis-sistema tal-immaniġġjar tal-flotta flimkien ma' pjan dwar titjib u informazzjoni dwar il-livell ġenerali ta' konformità ma' strumenti ta' politika dwar il-flotta;
- (e) kull informazzjoni dwar tibdil fil-proċeduri amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-immaniġġjar tal-flotta.

2. Ir-rapporti mill-Istati Membri m'għandhomx ikunu itwal minn 10 paġni.

Artikolu 15

Ir-Regolament (KE) Nru 1438/2003 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftehm u bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness V.

Artikolu 16

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX I

PARTI A

Livelli ta' referenza minn Stat Membru ⁽¹⁾

Stat Membru	Livelli ta' Referenza l-1 ta' Jannar 2003	
	R(TG) ₀₃	R(kW) ₀₃
Il-Belġju	23 372	67 857
Id-Danimarka	132 706	459 526
Il-Ġermanja	84 262	175 927
L-Irlanda	88 700	244 834
Il-Greċja	119 910	653 497
Spanja (eskluża l-kapaċità rreġistrata fil-Gżejjer Kanarji fil-31 ta' Diċembru 2002)	728 344	1 671 739
Franza (esklużi l-għanijiet tal-MAGP IV għas-segmenti tad-Dipartimenti Barranin Franċiżi)	230 257	920 969
L-Italja	229 862	1 338 971
L-Olanda	197 599	487 809
Il-Portugall (esklużi l-għanijiet tal-MAGP IV għas-segmenti tal-Azores u Madeira)	171 502	412 025
Il-Finlandja	23 203	216 195
L-Iżvezja	51 993	261 028
Ir-Renju Unit	286 120	1 129 194
Total	2 367 830	8 039 571

⁽¹⁾ Il-livelli ta' referenza jistgħu jiġu riveduti biex jitqiesu bastimenti li kienu jeżistu fil-31 ta' Diċembru 2002 iżda li ma kinux koperti mill-MAGP IV jew li ma kinux irreġistrati fid-data meta tlestiet din it-tabella.

PARTI B

Lista tal-Istati Membri li ssieħbu wara l-1 ta' jannar 2003

Il-Bulgarija	Il-Latvja	Il-Polonja
Ir-Repubblika Ċeka	Il-Litwanja	Ir-Rumanija
L-Estonja	L-Ungerija	Is-Slovenja
Ċipru	Malta	Is-Slovakkja

ANNEX II

Regoli għall-kalkolu tal-kapaċità għas-sajd f'termini ta' tunnellaġġ (GT₀₃) u potenza (kW₀₃) fl-1 ta' Jannar 2003

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

1. "GT_{FR}" tfisser il-kapaċità għas-sajd tal-flotta fl-1 ta' Jannar 2003 f'termini ta' tunnellaġġ kif ikkalkolata fuq il-bażi tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni;
2. "GT₁" tfisser it-tunnellaġġ totali ta' bastimenti li daħlu fil-flotta wara l-31 ta' Diċembru 2002 b'għajjnuna pubblika abbażi ta' deċiżjoni amministrattiva li ttieħdet bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002, li għalihom għiet irtirata kapaċità assoċjata mingħajr għajjnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002;
3. "GT₂" tfisser it-tunnellaġġ totali ta' bastimenti li daħlu fil-flotta wara l-31 ta' Diċembru 2002 b'għajjnuna pubblika abbażi ta' deċiżjoni amministrattiva li ttieħdet bejn l-1 ta' Jannar 2002 u t-30 ta' Ġunju 2002 f'segment tal-MAGP IV li ma kienx jikkonforma mal-oġġettivi tiegħu, li għalihom seħħ irtira kapaċità assoċjata mingħajr għajjnuna pubblika l-31 ta' Diċembru 2002;
4. "GT₃" tfisser, it-tunnellaġġ totali ta' bastimenti li daħlu fil-flotta wara l-31 ta' Diċembru 2002 mingħajr għajjnuna pubblika abbażi ta' deċiżjoni amministrattiva li ttieħdet bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002, li għalihom għiet irtirata kapaċità assoċjata mingħajr għajjnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002;
5. "GT₄" tfisser it-tunnellaġġ totali ta' bastimenti li daħlu fil-flotta wara l-31 ta' Diċembru 2002 mingħajr għajjnuna pubblika abbażi ta' deċiżjoni amministrattiva li ttieħdet bejn l-1 ta' Jannar 2000 u l-31 ta' Diċembru 2001 f'segment tal-MAGP IV li ma kienx jikkonforma mal-oġġettivi tiegħu, li għalihom seħħ irtira kapaċità assoċjata mingħajr għajjnuna pubblika l-31 ta' Diċembru 2002;
6. "kW_{FR}" tfisser il-kapaċità għas-sajd tal-flotta fl-1 ta' Jannar 2003 f'termini ta' potenza kif kalkolata fuq il-bażi tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni;
7. "kW₁" tfisser il-potenza totali ta' bastimenti li daħlu fil-flotta wara l-31 ta' Diċembru 2002 b'għajjnuna pubblika abbażi ta' deċiżjoni amministrattiva li ttieħdet bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002, li għalihom għiet irtirata kapaċità assoċjata mingħajr għajjnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002;
8. "kW₂" tfisser il-potenza totali ta' bastimenti li daħlu fil-flotta wara l-31 ta' Diċembru 2002 b'għajjnuna pubblika abbażi ta' deċiżjoni amministrattiva li ttieħdet bejn l-1 ta' Jannar 2002 u t-30 ta' Ġunju 2002 f'segment tal-MAGP IV li ma kienx jikkonforma mal-oġġettivi tiegħu, li għalihom seħħ irtira ta' kapaċità assoċjata mingħajr għajjnuna pubblika l-31 ta' Diċembru 2002;
9. "kW₃" tfisser il-potenza totali ta' bastimenti li daħlu fil-flotta wara l-31 ta' Diċembru 2002 mingħajr għajjnuna pubblika abbażi ta' deċiżjoni amministrattiva li ttieħdet bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002, li għalihom għiet irtirata kapaċità assoċjata mingħajr għajjnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002;
10. "kW₄" tfisser il-potenza totali ta' bastimenti li daħlu fil-flotta wara l-31 ta' Diċembru 2002 b'għajjnuna pubblika abbażi ta' deċiżjoni amministrattiva li ttieħdet bejn l-1 ta' Jannar 2000 u l-31 ta' Diċembru 2001 f'segment tal-MAGP IV li ma kienx jikkonforma mal-oġġettivi tiegħu, li għalihom seħħ irtira ta' kapaċità assoċjata mingħajr għajjnuna pubblika l-31 ta' Diċembru 2002.

Il-kapaċità għas-sajd tal-flotta espressa f'termini ta' tunnellaġġ GT₀₃ u potenza kW₀₃, kif definita fl-Artikolu 6, għandha tiġi kkalkolata skont il-formoli li ġejjin:

$$GT_{03} = GT_{FR} + GT_1 - 0,35 GT_2 + GT_3 - 0,30 GT_4$$

$$kW_{03} = kW_{FR} + kW_1 - 0,35 kW_2 + kW_3 - 0,30 kW_4$$

ANNEX III

**Regoli għall-kalkolu tal-kapaċità għas-sajd f'termini ta' tunnellaġġ (GT_{acc}) u potenza (kW_{acc}) għall-Istati Membri
għodda elenkati fl-anness I, parti B fid-data tal-adeżjoni**

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

1. " GT_{FR} " tfisser il-kapaċità għas-sajd tal-flotta fid-data tal-adeżjoni f'termini ta' tunnellaġġ kif ikkalkulata abbażi tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni;
2. " GT_1 " tfisser it-tunnellaġġ totali ta' bastimenti li daħlu fil-flotta wara d-data tal-adeżjoni abbażi ta' deċiżjoni amministrattiva li ttieħdet sa minn ħames snin qabel id-data tal-adeżjoni;
3. " kW_{FR} " tfisser il-kapaċità għas-sajd tal-flotta fid-data tal-adeżjoni f'termini ta' potenza kif ikkalkulata abbażi tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni;
4. " kW_1 " tfisser il-potenza totali ta' bastimenti li daħlu fil-flotta wara d-data tal-adeżjoni abbażi ta' deċiżjoni amministrattiva li ttieħdet sa minn ħames snin qabel id-data tal-adeżjoni;

Il-kapaċità għas-sajd tal-flotta espressa f'termini ta' tunnellaġġ GT_{acc} u potenza kW_{acc} , kif definita fl-Artikolu 6, għandha tiġi kkalkolata skont il-formoli li ġejjin:

$$GT_{acc} = GT_{FR} + GT_1$$

$$kW_{acc} = kW_{FR} + kW_1$$

ANNEX IV

Ir-Regolament imħassar flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tiegħu

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1438/2003	(ĠU L 204, 13.8.2003, p. 21)
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 916/2004	(ĠU L 163, 30.4.2004, p. 81)
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1277/2007	(ĠU L 284, 30.10.2007, p. 14)
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1086/2008	(ĠU L 297, 6.11.2008, p. 9)

ANNEX V

Tabella ta' Korrelazzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 1438/2003	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
L-Artikolu 2, punti 1 sa 10	L-Artikolu 2, punti 1 sa 10
L-Artikolu 2, punt 11	—
L-Artikolu 2, punt 12	L-Artikolu 2, punt 11
L-Artikoli 3 u 4	L-Artikoli 3 u 4
L-Artikolu 6	L-Artikolu 5
L-Artikolu 6a	L-Artikolu 6
L-Artikolu 7	L-Artikolu 7
L-Artikolu 7a	L-Artikolu 8
L-Artikolu 8	L-Artikolu 9
L-Artikolu 9	L-Artikolu 10
L-Artikolu 10(1) u (2)	L-Artikolu 11(1) u (2)
L-Artikolu 10(3)	—
L-Artikolu 11	L-Artikolu 12
L-Artikolu 12	L-Artikolu 13
L-Artikolu 13	L-Artikolu 14
—	L-Artikolu 15
L-Artikolu 14, l-ewwel paragrafu	L-Artikolu 16
L-Artikolu 14, it-tieni paragrafu	—
L-Anness I	L-Anness I, Parti A
—	L-Anness I, Parti B
L-Annessi II u III	L-Annessi II u III
—	L-Anness IV
—	L-Anness V